FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMHA 5 TA' APRIL, 2002**

**Avviz Nru: 493/02 AJD**

**Allied Newspapers Limited**

**vs**

**Golden Sands Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Frar, 2002, fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u tnax il-lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm612.45), rapprezentanti prezz ta' diversi servizzi ta' reklamar rezi mis-socjeta' attrici fuq ordni u inkarigu specifiku tas-socjeta' konvenuta. Ghalkem is-socjeta' konvenuta giet interpellata biex thallas, hija baqghet inadepmpjenti fil-hlas totali fuq imsemmi.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-14 ta' Novembru, 2001, u ral-mandat kawtelatorju prezentat flimkien mal-Avviz tat-Talba, u bl-interessi mid-data ta' kull fattura sal-gurnata tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Ra n-nota ta' cessjoni tas-socjeta' attrici li biha cediet is-'sorte' filwaqt li

zammet ferm it-talbiet tal-imghax u tal-ispejjez.

Ghaldaqstant, it-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu, jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-imghaxijiet kif mitluba, kif ukoll l-ispejjez ta' din l-istanza inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-avviz tat-talba.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**